MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRAZIELLA BEZZINA**

Seduta tal-11 ta' Jannar, 2013

Talba Numru. 718/2010

**Naged Megally (ID389592-M) u**
**Margarita Megally (ID580082-M)**

**vs**

**The Parents Foundation for Education**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-atturi ddikjaraw illi fil-15 ta' Settembru 2005 l-aturi taw lill-fondazzjoni konvenuta s-somma ta' sitt mija u hmistax-il Lira Maltin (Lm615) u cioe' ekkwivalenti ghal elf erba' mija u tnejn u tletin Ewro u sitta u hamsin centezmu (€1,432.56c) bhala *refundable contribution*, u dana in vista tal-fatt li riedu jibghatu t-tifel taghhom l-iskola ta' San Anton, u tali kontribuzzjoni huwa obbligatorju; Illi l-atturi kienu gew infurmati mill-istess konvenuti illi dan id-*depositu* kien ikun *refundable on demand* kemm-il darba it-tifel taghhom ma jmurx l-iskola ghall-iktar minn sentejn skolastici; Illi fil-fatt

ghalkemm it-tifel taghhom beda jmur skola hemm, huwa telaq wara ftit taz-zmien; Illi minkejja dan, meta l-atturi talbu lill-fondazzjoni konvenuta tirrifondi l-istess somma, din irrifjutat minghajr ebda bazi fil-ligi jew l-ekwita'; Ghaldaqstant, l-esponenti qeghdin jitolbu li s-somma ta' elf erba' mija u tnejn u tletin Ewro u sitta u hamsin centezmu (€1,432.56c) (ekwivalenti sitt mija u hmistax-il Lira Maltin [ghal Lm615]) minnhom moghti bhala *refundable contribution* tigi lilhom rifuz bl-imghax skond il-ligi sad-data tal-pagament effettiv.

Ra r-risposta tal-Fondazzjoni konvenuta, li permezz taghha eccepiet illi t-talba tar-rikorrenti hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra r-rikorrenti, peress illi s-somma mhallsa lill-Fondazzjoni intimata, hija regolata mill-Contribution Rules and Regulations, li r-rikorrenti irrinkoxxew u intrabtu bihom, u ai termini tal-istess regoli, ir-rikorrenti mhumiex intitolati ghal ebda rifuzjoni f'dan l-istadju. Salv eccezzjonijiet ohra.

Semgha x-xhieda tal-partijiet, u tax-xhieda l-ohra mressqa minnhom, u ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti minnhom.

Semgha t-trattazzjoni.

Ikkunsidra,

Illi irrizulta li fil-15 ta' Settembru, 2005, l-atturi rregistraw lil binhom, *Polycarpus Negally* fi hdan l-iskola ta' San Anton, u dan sabiex jibda s-sena skolastika tieghu fit-tielet sena tal-iskola sekondarja. Illi dakinhar stess li rregistraw lil binhom, huma wettqu hlas fl-ammont ta' sitt mitt lira Maltin (Lm600) u cioe' ekkwivalenti ghal elf tliet mija sebgha u disghin Ewro u tnejn u sittin centezmu (€1,397.62c) – ghalkemm ir-ricevuta (a fol.17) hija ghall-ammont ta' sitt mija u hmistax-il lira Maltin (Lm615) u cioe' ekkwivalenti ghal elf erba' mija u tnejn u tletin Ewro u sitta u hamsin centezmu (€1,432.56c) u anke t-talba hija ghal dan l-ammont tal-ahhar – u fil-fatt it-tifel beda s-sena skolastika f'din l-iskola. Illi l-istess tifel dam jattendi f'din l-iskola ghal

*term* wiehed biss, u cioe' sal-ahhar tas-sena 2005, ghaliex sussegwentement telaq minn dawn il-Gzejjer flimkien mal-attrici b'effett mill-10 ta' Jannar, 2006.

Illi permezz ta' ittra datata 2 ta' Jannar, 2006 (a fol.69 tal-atti), l-atturi nformaw lill-Amministratur/Registratur tal-Fondazzjoni konvenuta illi t-tifel ma kienx ser ikompli jattendi dik l-iskola, u li ghalhekk kien ikun opportun illi jinghataw refuzjoni tal-*contribution* li kienu wettqu ftit tax-xhur qabel. Illi permezz ta' ittra datata 9 ta' Jannar, 2006 (a fol.41 u 70 tal-atti) l-atturi gew informati illi tali *contribution* kienet ser tinghata lura lilhom maz-zmien, u mhux immedjatament fuq rikjesta taghhom, izda meta kien imisshom in linea mal-proceduri u regolamenti li jirregolaw tali refuzjoni. Illi ghalkemm inghataw kopja tar-*rules and regulations* huma ma nghatawx spjegazzjoni adegwata in rigward minghand il-Kap tal-iskola San Anton, u anke ddikjaraw illi kemm-il darba kienu gew avzati illi tali kontribuzzjoni ma kienetx ser tkun rifondibbli fuq semplici rikjesta, allura kienu jghazlu skola ohra ghal binhom.

Illi da parti taghha, il-Fondazzjoni konvenuta – tramite tar-Registratur taghha – ddikjarat illi r-refuzjoni tal-kontribuzzjoni lill-atturi ghandha ssir maz-zmien, u dan wara li jigi mwettaq il-hlas tal-*contribution* dovuta lill-genituri ta' tfal ohra, li in forza tal-istess regolamenti, kien jispetta lilhom il-hlas qabel ma huwa dovut ir-refuzjoni lill-atturi. Illi in rigward saret referenza ghall-istess *rules and regulations*, li l-atturi nghataw kopja taghhom u li ffirmaw dikjarazzjoni li qed jaccettawhom u jintrabtu bihom (a fol.18 u 19, u 88 u 89 tal-atti).

Ikkunsidra,

Illi l-atturi qed jikkontendu illi b'applikazzjoni tal-Artikolu sebgha-(7) tal-Contribution Rules 2/93, u senjatament b'referenza ghal subinciz tlieta-(3) tal-istess Artikolu, gialadarba iben l-atturi attenda *term* wiehed biss, u ghalhekk ghal perjodu ta' inqas minn sentejn shah skolastici kif indikat f'tali artikolu, allura tali stat ta' fatt jintitolahom ghal refuzjoni immedjata tal-*contribution*

imhallsa minnhom. Illi da parti taghha, il-Fondazzjoni konvenuta taghmel referenza ghad-dikjarazzjoni li giet iffirmata mill-atturi, fejn fost affarijiet ohra, huma ddikjaraw li qed jaccettaw illi l-*contribution* taghhom ser tkun "*invested or committed in connection with San Anton School, without any guarantee in accordance with the Contribution Rules.*" Inoltre, ir-Registratur tal-Fondazzjoni spjega kif l-istess Fondazzjoni hija marbuta bi procedura specifika dwar is-sekwenza ta' kif jithallsu lura l-*contributions* ta' studenti li jkunu attendew skejjel gestiti mill-Fondazzjoni. Illi filwaqt illi mid-deposizzjoni li nghatat mill-istess Reistratur jirrizulta li l-Fondazzjoni mhux qed tikkontesta illi l-*contribution* ghandu jithallas lura lil-atturi, u li dan ser jithallas maz-zmien, madanakollu, l-istess Registratur iddikjara illi "*... sa llum, ghadha ma hijiex dovuta r-rifuzjoni lill-atturi peress illi qeghdin jigu effettwati rifuzjonijiet ta' kontribuzzjonijiet imhallsa precedentement, dejjem skond ir-regolamenti msemmija.* ...*[sakemm il-Fondazzjoni tibqa' tircievi kontribuzzjonijiet minghand kontributuri godda, ma hemm xejn li jzomm lill-Fondazzjoni li tibqa' thallas lura l-kontribuzzjonijiet lill-kontributuri abbazi ta' l-istess lista.*"

Illi t-Tribunal huwa tal-fehma illi meta l-atturi ffirmaw id-dikjarazzjoni li kopja taghha tinsab a fol. 19 u 66 tal-atti, huma accettaw it-termini u kundizzjonijiet li in bazi taghhom topera l-Fondazzjoni konvenuta, u taw lill-istess Fondazzjoni konvenuta poter sabiex jamministraw il-kontribuzzjoni taghhom fl-ahjar interess tal-Fondazzjoni, li l-ghan taghha huwa l-gestjoni ta' diversi skejjel. Illi huwa ferm probabbli illi l-atturi, meta ffirmaw tali dikjarazzjoni, ma kienux interament konsapevoli ta' dak kontenut fil-Contribution Rules u Delegation of Function Rules li nghataw, u qaghdu biss fuq l-ispjegazzjoni, possibilment fil-qosor, li nghataw dwarhom minghand il-Principal tal-Iskola fejn marru sabiex jirregistraw il-binhom, u cioe' l-iskola San Anton. Madanakollu, l-allegazzjoni li qed issir mill-atturi illi ma nghatawx spjegazzjoni "onesta u affidabbli" mill-Kap tal-Iskola dwar il-mod kif tahdem din is-sistema tar-refuzjoni tal-kontribuzzjoni, ma jwassalx ghal intitolament immedjat ghar-refuzjoni tal-istess

kontribuzzjoni ladarba huma accettaw it-termini u kundizzjonijiet li jirregolaw l-operat tal-istess Fondazzjoni.

Illi fid-dawl ta’ tali kunsiderazzjonijiet, it-Tribunal ser jghaddi sabiex jakkolji l-eccezjoni tal-Fondazzjoni konvenuta, in kwantu li l-ammont reklamat m’huwiex, f’dan l-istadju, dovut.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, filwaqt illi t-Tribunal qed jilqa’ l-eccezjoni sollevata mill-Fondazzjoni konvenuta, qed jichad it-talba tal-atturi.

L-ispejjez ta’ din il-kawza ghandhom jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------